MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1286/2000/1

**Onor. Dr. Gavin GULIA**

**vs**

**David AĠIUS u l-Partit Nazzjonalista**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Ġunju, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi nhar il-Ħadd 19 ta' Gunju 2000, il-konvenuti ppubblikaw stqarrija għall-istampa iffirmata mill-konvenut David Agius u maħruga mill-konvenut Partit Nazzjonalista intestata "Stqarrija għad-diskors ta' Dr. Alfred Sant dalgħodu fil-Gzira" b'sezzjoni intestata "Min għandu jirriżenja", li permezz tagħha allegaw fost oħrajn li l-istanti meta kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Guztizzja, kien ta' maħfra minn sentenza ta' ħabs lil "votant mid-Distrett tiegħu" b'mod li l-implikazzjoni ċara u l-messagg li jingħata lil

qarrej/semmiegħ ordinarju hija li l-istanti fil-qadi ta' dmirijietu għamel xi irregolarita' biex jaqdi persuna mid-distrett tiegħu bil-għan li jakkwista l-vot mingħandu, tant li fl-istqarrija l-konvenuti jgħidu li l-istanti mħabba f'hekk għandu jirriżenja minn Kelliemi Ewlieni ta' l-Opposizzjoni;

Illi l-istanti ma għamel xejn irregolari, u l-allegazzjoni u l-implikazzjoni fil-messagg ta'l-Istqarrija huma malafamanti fil-konfront tiegħu;

Illi l-allegazzjoni li d-deċizjoni ta' l-istanti kienet motivata minn skopijiet klijentelari għall-vot hija għal kollox infondata u bla bazi u huwa mexa għal kollox skond il-proċeduri stabbiliti u wara li ha l-pariri soliti tal-uffiċjali konċernati;

Illi għalhekk bl-istqarrija msemmija il-konvenuti taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku;

Illi barra l-gravita' ta' l-ingurja fiha nnifisha jidher ċar li din saret intenzjonalment biex tiskredita lill-istanti f'għajnejn il-pubbliku;

Illi l-istanti bħala parti offiza għandu dritt għad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta);

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-għan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu;

2. Tikkundanna lil kull wieħed mill-istess konvenuti jħallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bħala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 t'Ottubru, 2000, li bih ordnat it-tneħħija mill-atti tal-kawża tan-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa wara ż-żmien mill-imħarrkin;

Semgħet ix-xhieda tal-attur;

Rat id-Degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2001, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-9 ta' Lulju, 2001[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa bi tweġiba mill-attur fit-22 t'Awissu, 2001[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tas-7 ta' Novembru, 2001, 8 ta' Frar, 2002, u 25 t'April, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawża ta' libell taħt il-Liġi dwar l-Istampa. L-attur ħassu malafamat b'artiklu li deher fi stqarrija għall-istampa maħruġa fil-11 ta' Ġunju, 2000, mill-Partit Nazzjonalista taħt il-firma tal-imħarrek David Aġius,

---

[1] Pa[[. 40-2 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 43-7 tal-pro`ess

Segretarju Informazzjoni tal-istess Partit. L-attur qiegħed ifittex lill-imħarrkin għad-danni minħabba dak li jingħad f'parti minn dik l-istqarrija fejn jissemma b'ismu;

Illi mill-provi mressqin waqt is-smigħ tal-kawża, jirriżulta li l-imsemmija stqarrija ħarġet biex twieġeb xi punti minn diskors li l-Kap tal-Oppożizzjoni, Dr. Alfred Sant, kien għamel dak inhar stess fil-Gżira. Imbagħad, fost it-tliet oqsma tat-test li ġġib l-istqarrija, hemm waħda intestata "*Min għandu jirriżejna*", fejn jiġi suġġerit li l-attur jikkonsidra jirriżenja minn kelliemi ewlieni tal-Oppożizzjoni, u tgħid li dan imissu jagħmlu għaliex, fiż-żmien meta l-attur kien Ministru tal-Gvern, kien ta maħfra minn sentenza ta' ħabs lil kostitwent tiegħu. Iżjed 'il quddiem, taħt l-istess intestatura, jingħad li l-attur talab ukoll li persuna li kienet kundannata għal żmien twil ta' priġunerija għal rejati serji, tinħareġ kmieni mill-ħabs biex tmur tgħinu fl-uffiċċju privat tal-istess attur;

Illi l-attur, minbarra li xehed quddiem il-Qorti, ressaq b'xhud lill-Avukat Prosekutur Dr. Mark Said u kif ukoll kopja ta' xhieda meħuda mill-atti ta' kawża oħra ta' libell li huwa fetaħ kontra ħaddieħor. F'din il-kopja, hemm ix-xhieda tal-avukat li kien deher għall-persuna akkużata fil-proċeduri kriminali li dwarhom l-istqarrija impunjata ssemmi l-episodju tal-maħfra mogħtija mill-attur meta kien Ministru tal-Gvern. Minn dik is-silta ta' xhieda jirriżulta li wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-istess avukat difensur kien tħabat ħafna biex jikseb amnestija mis-sentenza mogħtija, u kien mar kellem darba lill-attur meta kien Ministru, iżda dan kien laqagħlu billi tenna li ried jieħu l-parir tal-Avukat Ġenerali. Fl-aħħar kienet ingħatat maħfra mill-President wara li l-persuna konċernata kienet diġa' qattgħet xahrejn fil-ħabs;

Illi l-attur fisser kif wasal biex irrakkomanda li ssir il-maħfra u dan wara li ngħata l-parir favorevoli biex jagħmel hekk mill-awtoritajiet li dak iż-żmien kellhom is-setgħa jagħmlu rakkomandazzjoni bħal din. Seħaq li kien biss fuq tali pariri li huwa ħa d-deċiżjoni tiegħu u li ma kien qies l-ebda konsiderazzjoni oħra jew kien maħkum minn xi pressjoni minn xiħadd. L-attur stqarr li l-persuna li kienet ingħatat il-

maħfra kienet tgħix f'raħal li jaqa' f'distrett elettorali li minnu l-attur jikkontesta l-Elezzjoni Ġenerali, imma qal li lil dik il-persuna u lill-familja tagħha ma kienx jafhom u lanqas biss avviċinawh sa ma ħa l-pass li ħa[3];

Illi x-xhud Avukat Mark Said, li kien mexxa l-prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, tenna l-fehma tiegħu li l-piena mogħtija mill-ewwel qorti kienet qawwija u ma kienx wera ruħu kuntrarju għal tnaqqis tagħha waqt it-trattazzjoni fl-appell, u, meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ikkonfermat l-istess sentenza, kien involut ukoll fil-petizzjoni li kienet saret biex l-akkużat jingħata maħfra mill-piena[4]. Kien hu li ta parir favorevoli lill-Avukat Ġenerali biex it-talba għall-maħfra tintlaqa';

Illi ma ġie bl-ebda mod kontestat li, kemm fiż-żmien meta seħħew il-proċeduri kriminali u kif ukoll meta ngħatat il-maħfra, l-attur kien iħaddan il-kariga ta' Ministru tal-Gvern;

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, l-imħarrkin ressqu argumenti biex it-talba attriċi ma tiġix milqugħa. Fl-ewwel lok bdew billi qalu li l-azzjoni attriċi ma messhiex saret kontra l-Partit Nazzjonalista, għaliex l-awtur tal-istqarrija huwa identifikabbli[5]. Għalhekk talbu li l-Partit Nazzjonalista jinħeles milli jibqa' iżjed fil-kawża. Dwar il-mertu, l-imħarrkin jgħidu li mill-atti tal-kawża nnifishom, joħroġ ċar li dak li tgħid l-istqarrija huwa dwar fatt li seħħ tassew, u li l-bqija huwa kumment. Iżidu jgħidu li huma għandhom il-jedd tal-espressjoni ħielsa u li l-attur, bħala persuna involuta fil-ħajja pubblika fil-qasam politiku, għandu jistenna kritika għal għamilu f'dak il-qasam. Ladarba l-istqarrija hija msejsa fuq fatt pruvat, kull indħil dwar kummenti marbuta ma' dak il-fatt ikun indħil fuq il-jedd tal-espressjoni tagħhom;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur wieġeb li l-kawża għamilha sewwa kontra l-imħarrkin, għaliex li jgħodd hu li l-istqarija ħarġet mill-Partit Nazzjonalista u mhux mill-imħarrek

[3] Xhieda tal-attur, 8.2.2001, f'pa[[. 20 sa 23 tal-pro`ess

[4] Xhieda ta' Dr. Said, 25.4.2001, f'pa[[. 34-6 tal-pro`ess

[5] Art. 23 tal-Kap 248

David Aġius, u jekk dan iffirma l-istqarrija dan għamilha fil-kwalita' tiegħu ta' uffiċjal tal-istess Partit u mhux f'ismu personali. Żied jgħid li f'każ bħal dan fejn il-pubblikazzjoni hija stqarrija għall-istampa, ma japplikawx ir-regoli li s-soltu jitħaddmu fil-każ tal-pubblikazzjoni f'ġurnal jew f'xandira. Dwar il-mertu, l-attur jgħid li, filwaqt li jagħraf il-jedd tal-imħarrkin li juru l-fehmiet ħielsa tagħhom, ma huwiex sewwa li dawn jagħtu "stampa mgħawġa u inveritiera tal-fatti". Huwa jgħid li l-imħarrkin ma kellhom l-ebda ħsieb għajr li jinġurjawh, mhux daqstant bil-fatti li semmew, daqskemm bil-fatti li naqsu li jsemmu;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-każ</u>, irid jingħad li kull att li bih stampat jiġi jew jista' jiġi mxandar jew komunikat jaqa' taħt l-egħmejjel li jistgħu jitqiesu mill-Att dwar l-Istampa bħala "pubblikazzjoni". Illi persuna li tkun kitbet jew xandret "pubblikazzjoni" tinkludi wkoll korp ta' persuni, kemm jekk iħaddan personalita' ġuridika jew le[6]. L-azzjoni ċivili li titnissel minn xi allegat ksur tal-istess Liġi tista' tittieħed kontra l-awtur tal-kitba u l-editur tal-gażżetta fl-ewwel lok. Huwa fin-nuqqas biss ta' għarfien dwar l-identita' ta' dawn it-tnejn jew ta' xiħadd minnhom li l-liġi tagħti jedd ta' azzjoni kontra ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni. It-tifsira mogħtija mil-liġi lil "awtur tal-kitba"[7] tgħodd kemm għal min ikun kitibha jew ukoll għal min ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;

Illi l-azzjoni ta' libell maħsuba fil-Kap 248 trid titqies bħala azzjoni speċjali li l-għejjun tagħha fil-bidu kienu maħsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jiġi mxandar fil-ġurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-ħarsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jingħad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-ieħor fondamentali tal-espressjoni ħielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija għalhekk azzjoni eċċezzjonali li wieħed idur għaliha biss f'każ fejn l-unur u l-ġieh ta' persuna jkunu ġew imkasbrin jew miftuħa għad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jingħad jew jiġi mxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aġġornati tal-Qrati Maltin u

[6] Art. 2 tal-Kap 248
[7] Art. 23(a) tal-Kap 248

barranin dwar din il-kwestjoni, l-għoti ta' rimedju li jingħata taħt azzjoni bħal din qiegħed kulma jmur ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa. Il-ħtieġa tal-ħarsien mil-liġi lill-unur u r-reputazzjoni ta' persuna m'għandux, b'riflessjonijiet u induzzjonijiet bla qies, joħonqu l-espressjoni ħielsa[8];

Illi l-jedd tal-espressjoni ħielsa, invokat ukoll mill-imħarrkin fin-Nota ta' Sottomissjonijiet studjata tagħhom, u kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u wkoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[9], jiġbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w iżżomm fehmiet bla ndħil minn ħadd u li tirċievi mingħand u tgħaddi lil ħaddieħor idejat u tagħrif bla ndħil. Minħabba li dan il-jedd iġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, għandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta' demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wieħed isib il-ħarsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni oħrajn mill-effetti tal-eżerċizzju tad-dritt tal-espressjoni ħielsa ta' dak li jkun[10]. Ma jistax ikun, għalhekk, li l-Istampa u l-meżżi l-oħrajn ta' komunikazzjoni ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet[11];

Illi t-tifsir mogħti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' każijiet[12] lill-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi iqis, fost l-oħrajn u b'mod ewlieni, is-siwi tad-dibattitu politiku ħieles bħala waħda mis-sisien fejjieda ta' stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem għaraf bejn kritika li ssir fil-konfront ta' persuna li hija mdaħħla fil-ħajja pubblika (jew politika) u persuna li m'hijiex;

Illi l-libell bl-istampa jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ċċekken lill-persuna li għaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-ġieh tas-

---

[8] App. Krim.Inf. **13.6.1985** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Mifsud Bonni`i et vs Farru[ia noe et***

[9] Liema artikolu hu inkorporat fil-li[i tag]na bid-dispo\izzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319 tal-Li[ijiet ta' Malta)

[10] Ara Kost. **15.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Grech vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.148**)

[11] App. ~iv. **15.11.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bor[ vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**)

[12] Per e\empju, **8.7.1986** fil-kaw\a ***Lingens vs Austria,*** u wkoll **17.4.1991** fil-kaw\a ***Oberschlick vs Austria***

soċjeta' lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess soċjeta', jew li tesponiha għad-disprezz jew mibegħda tagħha. Min-naħa l-oħra, il-kritika ta' persuna, l-iżjed jekk dik il-persuna tkun imdaħħla fil-qasam pubbliku[13], ma ssirx minnufih passibbli għas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun waħda serja, oġġettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun ħarxa u qawwija[14]. Minn dan joħroġ li l-eżami ewlieni li għandu jagħmel il-ġudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawżax lill-persuna li għaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'għajnejn min ikun qraha jew semagħha. Tali "udjenza" għandha tiġi meqjusa bħala qarrejja jew semmiegħa ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tiegħu[15];

Illi għar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-liġi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx għoli, ażżardat u wiesgħa, u ċirkostkritt biss minn prova ta' ħażen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-diċenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li għaliha ssir riferenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fiżika, imma waħda ġuridika, il-qilla tal-kritika u t-tolleranza tagħha hija usa' sal-grad li mbasta tkun tollerabbli f'soċjeta' demokratika[16]. F'dan il-każ, il-prinċipju tal-espressjoni ħielsa huwa mirfud bil-kwestjoni tal-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika mistħoqqa li għandha ssir dwar persuna involuta fil-ħajja pubblika[17] ukoll jekk il-kritika tolqot il-ħajja privata tal-personaġġ pubbliku;

Illi għal dak li jirrigwarda l-għamla tal-kritika li ssir, jingħad li waħda mill-forom li tintuża hija l-kumment.. Bħalma timplika l-kelma nnifisha, kumment m'huwiex sempliċi stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li

---

[13] App. ~iv. **1.2.1988** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et***

[14] App. Krim. **23.4.1963** fil-kaw\a fl-ismijiet ***X vs Y*** (Kollez. Vol: **XLVII.iv.1261**)

[15] P.A. FGC **8.10.1993** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Victor Pa`e vs Joe Azzopardi et***

[16] App. ~iv. **8.11.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Gau`i vs Schiavone noe et***

[17] Ara, per e\empju, P.A. **2.11.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Coleiro vs Schiavone et***; u P.A. **11.1.1990** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Borda vs Sant***

seħħ[18], ukoll jekk tkun tifsira preġudikata jew partiġġana. Fil-qasam politiku, imbagħad, il-kumment jista' jkun maħsub biex joħloq xkiel jew jagħmel ħsara politika lil xi persuna involuta jew biex saħansitra jqanqal disgwid jew taħwid fil-kamp politiku oppost.;

Illi huwa aċċettat li jekk il-kumment ikun "ġust", ma jaqax taħt il-pwieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta' kummenti li jitqiesu bħala "ġusti" hija waħda li tagħti lok għal problemi kbar minħabba li mhix waħda ċara[19]. Biex il-kumment ikun wieħed "ġust", jeħtieġ li jkun imsejjes fuq ħwejjeġ li sostanzjalment seħħew u li jkunu l-fatti sħaħ[20]. Jekk jirriżulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jeżisti, ma tkunx tista' trieġi aktar id-difiża tal-kumment ġust[21]. Il-fatt irid jiġi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment ġust dwaru[22], daqskemm tantieħor irid jipprova li s-suġġett li dwaru nkiteb tali kumment kien wieħed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wieħed "ġust"[23]. Kif jintwera li l-fatti msemmija kienu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jiġi mistħarreġ jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd tal-espressjoni ħielsa kif imfissra aktar qabel;

Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tiġi mistħarrġa trid titqiegħed fl-isfond tal-attwalita' u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun[24];

Illi għar-rigward tas-sottomissjoni magħmula mill-Partit imħarrek, fis-sens li dan għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża għaliex ma kienx l-awtur tal-artikolu mertu tal-każ, jingħad li l-Qorti ma ssibx li din hija mistħoqqa. Dan jingħad għaliex, apparti l-fatt li l-istqarrija iffirmata mill-imħarrek Aġius saret fil-kwalita' tiegħu ta' uffiċjal tal-istess

[18] Gatley, Libel & Slander, 8 ediz., par. 697, pa[. 294

[19] Ara Gatley, *op. Cit.*, par. 707, pa[[. 299-300

[20] App. ~iv. **21.1.1993** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Montanaro et***

[21] App. ~iv. **13.1.2000** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Rizzo Naudi vs A[ius et***

[22] App. ~iv. **10.12.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Debono vs Callus et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.**495) u wkolll App. ~iv. **14.2.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sant vs Camilleri et***

[23] Gatley op. cit., Par. 747, pa[[. 324-5

[24] App. ~iv. **4.2.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Callus et***

Partit (kemm hu hekk, taħt ismu hemm imnižžel il-kliem "Segretarju Informazzjoni"), l-istqarrija nnifisha inħarġet u tqassmet lill-mezzi tax-xandir (media) bħala stqarrija tal-istess Partit. B'żieda ma' dan, il-Qorti tagħmel riferenza għat-tifsiriet ta' "persuna" u "pubblikazzjoni" mogħtijin fil-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, u għal dak li jingħad fl-artikolu 23(a) tal-istess liġi. Fil-fehma tal-Qorti, dan iġib miegħu "passibilita' kollettiva" fiż-żewġ imħarrkin[25];

Illi wara li saru dawn l-osservazzjonijiet ta' dritt, jixraq li jiġu meqjusa <u>l-aspetti ta' fatt li joħorġu fil-każ preżenti</u>. Jekk wieħed iħares lejn il-fatti msemmija fl-istqarrija maħruġa mill-imħarrkin, dan għandu jsib li dawn il-fatti, meħudin wieħed wieħed, huma sostanzjalment minnhom. Fiż-żmien li ngħatat il-maħfra (proklama), l-attur kien iservi bħala Ministru tal-Gvern fdat bir-responsabbilta' tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-persuna li ngħatat il-maħfra jew tnaqqis tal-piena tal-ħabs (ċertu Joseph Żahra) kienet tgħix f'raħal li jaqa' f'distrett elettorali li minnu l-attur ikkontesta l-Elezzjonijiet Ġenerali. Jirriżulta wkoll li l-każ kien wieħed ta' inċident tat-triq li fih vettura misjuqa minn din il-persuna tajret mara u kkaġunatilha ġrieħi ta' natura gravi: il-każ kien wieħed ta' offiża involontarja fuq persuna[26]. Imma, f'dan il-każ, l-istqarrija ma tiqafx hemm: tisħaq li dak kollu li sar mill-attur kien għamil abbużiv tas-setgħat uffiċjali li hu kien iħaddan. Tisħaq li, minħabba f'hekk, kien messu ħasibha li jwarrab minn dik il-kariga. F'dan il-każ, in-nisġa tal-istqarrija terġa' tqanqal kwestjoni fi żmien meta dik il-kariga li kien iħaddan l-attur kien ilha li ntemmet (għal raġunijiet oħrajn) qrib sentejn qabel;

Illi raġuni waħda setgħet kienet il-ħsieb wara dik il-kitba: li jwassal messaġġ fil-qarrej jew is-semmigħ li l-attur ma kienx aġixxa b'mod korrett u li uża l-pożizzjoni għolja tiegħu biex iffavorixxa persuna għal finijiet personali. Dan huwa każ ċar ta' dak li huwa magħruf bħala "*innuendo*" jew ukoll insinwazzjoni. L-insinwazzjoni hija dik l-għamla ta' stqarrija li tolqot bis-saħħa ta' dak li ma tgħidx u li timplika, aktarx ta' xeħta negattiva, u mhux bis-saħħa ta' dak li tgħid. Għaliex l-*innuendo* huwa għamla ta' stqarrija

[25] Carter-Ruck, <u>*On Libel and Slander*</u>, 3et. Ediz. (1985), Kap 7, pa[[. 72-3
[26] Ara xhieda ta' Dr. J. Galea Debono (avukat ta' |ahra), f'pa[[. 14 sa 16 tal-pro`ess

inġurjuża li ssir bi kliem li fih innifsu m'huwiex inġurjuż. Il-qofol tal-insinwazzjoni huwa l-ironija[27];

Illi dwar dan l-aspett fil-qasam tal-libell, il-Qrati tagħna ipprovdew li l-piż tal-prova li dak li hu insinwat huwa libelluż, taqa' fuq min jikkwerala jew jibda l-proċeduri[28]. Imma ladarba dan jitwettaq, u jirriżulta li l-kliem inkiteb b'mod ironiku, l-intenzjoni malizzjuża ta' min ikun kiteb dak il-kliem hija intiża fl-istess ironija[29];

Illi huwa mbagħad aċċettat li l-insinwazzjonijiet bla ma huma msejsa minn fatti, magħmulin għal kwalunkwe raġuni (ukoll dik politika), fis-sens li xiħadd ikkorrompa jew li ġie korrott, ma jistgħu qatt jiġu aċċettati la fil-kuntest ta' fatti li jqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm implikati persuni pubbliċi[30]. Mill-provi mressqa mill-attur, jidher li ma kienx hu li ta bidu għall-proċeduri li wasslu biex ingħatat il-maħfra jew tnaqqis tal-piena mogħtija lil jew li seħaq biex il-proċess jitħaffef. Hu qal li baqa' dejjem jorbot fuq il-parir li seta' ngħata lilui mill-awtoritajiet kompetenti, f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, kif fil-fatt għamel. Irriżulta wkoll li l-parir li tiġi rakkomandata l-maħfra ngħata mill-Avukat Ġenerali, u l-attur aċċetta dak il-parir. Ukoll meta l-avukat ta' dik il-persuna kien appella mal-attur biex jara x'jista' jagħmel biex titħaffef l-applikazzjoni għall-maħfra, l-attur reġa' tenna li ried joqgħod fuq il-parir li jagħtih l-Avukat Ġenerali. Ma irriżulta minn imkien li l-imsemmi Joseph Żahra jew membri tal-familja tiegħu kienu kellmu lill-attur biex jibda l-proċess tal-għoti tal-amnestija. Lanqas ma irriżulta li l-attur kien jaf lil jew kien midħla ma' dik il-persuna;

Illi għalhekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li jirriżultaw u l-provi mressqa, il-Qorti ssib li l-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-imħarrkin fid-19 ta' Ġunju, 2000, immalafamat lill-attur u kienet maħsuba biex ittelliflu l-ġieh

[27] Fri[[ieri, Dizzjunarju ta' Termini Letterarji, pa[. 284

[28] Ara, per e\empju, App. Krim Inf. **29.11.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Desira Butti[ie[ vs Cossai*** (Kollez.Vol: **XLII.iv.1526**)

[29] Ara, per e\empju, App. Krim. Inf. **7.3.1949** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Pulizija vs Olivieri Munroe*** (Kollez. Vol; **XXXIII.iv.824**)

[30] App. ~iv. **16.1.2002** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Fenech vs Cauchi et*** (~itazz. Nru. 1555/94)

u l-istima tiegħu, tant li hija tissuġġerixxi li jmissu jwarrab mill-"kariga" tiegħu attwali ta' kelliemi tal-Oppożizzjoni għall-Ġustizzja;

Illi, fid-dawl ukoll tal-fatt li dak li ngħad fl-istqarrija kien magħmul b'forma ta' replika jew ritorsjoni għal xi ħaġa li ngħadet minn terza persuna u mhux għal xiħaġa li qal l-attur innifsu, fid-dawl ukoll ta' dak li ngħad dwar l-ambjent pubbliku li fih jimmilitaw iż-żewġ partijiet, u fid-dawl tal-fatt li l-imħarrkin m'għamlux jew m'offrew li jagħmlu l-ebda apoloġija għal dak li kien pubblikat, il-Qorti trid tqis x'ammont ta' kumpens jistħoqqlu jirċievi l-attur bħala riparazzjoni għall-inġurja u l-malafama li ġarrab. Għal dan il-għan, qiegħed jiġi meħud kont dak li ġie kostatat li l-fatti msemmija fl-istqarrija kienu minnhom (għalkemm l-insinwazzjonijiet misluta kienu magħmulin b'ħażen), u dan jimmerita sanzjoni anqas qawwija milli kieku l-fatti kienu għal kollox ineżistenti. Fattur ieħor hu li, b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel dwar ir-responsabbilta' kollettiva taż-żewġ imħarrkin, ikun xieraq li jiġi likwidat ammont wieħed. Fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 30 tal-kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf lira Maltija (Lm 1,000);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin immalafamaw lill-attur bil-pubblikazzjoni tal-istqarrija għall-istampa tad-19 ta' Ġunju, 2000;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u filwaqt li qegħda tillikwida d-danni li għandu jirċievi l-attur fis-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu l-imsemmija somma lill-attur; u

**Tikkundanna** lilli-istess imħarrkin iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' danni likwidata b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**27 ta' Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**27 ta' Settembru, 2002**